MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 6/2010

**Ronnie Gauci**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' April, 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Deher I Cilia ghad-Direttur.
>
> Meta ssejjah l-appell, deher l-appellant assistit mill-Avukata M Azzopardi. Deher ukoll ir-rapprezentant tad-Divizjoni.

> L-Arbitru ezamina d-dokumenti kollha applikabbli ghall-kaz quddiem l-Arbitru u sema' s-sottomissjonijiet tad-difensur.
>
> Peress li jidher li d-decizjoni tad-Divizjoni tidher gustifikata, u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi michud."

Ir-rikorrenti Ronnie Gauci appella minn din is-sentenza biex jattakkaha fuq zewg livelli:-

1. Fl-ewwel lok, li din ma tissodisfax id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12 in kwantu ma tispjegax b'mod car il-motivazzjoni li tiggustifika l-gudizzju ta' l-Arbitru;
2. F'kull kaz u fil-mertu ghaliex, bil-kontra ta' dak dedott, ir-rizorsi kapitali tieghu ma kienux jeccedu l-massimali ta' €23,000;

B'esposizzjoni tal-fatti jirrizulta mill-atti illi l-appellanti kien ir-recipjent ta' Ghajnuna ghal Qghad. B'ittra tal-10 ta' Marzu 2009 d-Direttur baghat javzah li ma kienx aktar intitolat ghal dan il-beneficcju ghaliex, fil-fehma tieghu, il-valur kapitali tal-membri tal-familja tieghu kien aktar minn €23,000. Fit-23 ta' Marzu, 2009 l-appellanti ressaq gravam quddem l-Umpire illi dak asserit mid-Direttur ma kienx minnu. Ghas-sostenn ta' dan huwa esebixxa fl-atti skrittura ta' ftehim ta' self datata 2 ta' Frar 2006 redatta minn Nutar Andre` Farrugia, kif ukoll dokument li juri li hu kien itrasferixxi lil missieru l-ishma li kellu fis-socjeta` GO plc;

In rigward ghall-ewwel motiv ta' aggravju gie bosta drabi ritenut minn din il-Qorti illi, ghalkemm il-motivazzjoni hi ta' essenza f'kull gudikat, mhux necessarju li din tkun wahda bilfors elaborata, u tista', anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista' tigi individwata r-raguni li titqieghed ghab-bazi tad-decizjoni. Ara ad ezempju d-decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Mercieca -vs- Water Services Corporation**", Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2009. Irid jinghad illi din l-espressjoni ta' fehma giet, sa

recentement hafna, abbraccjata mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali in re: "**Frank P. Borg Limited -vs- Joseph Camilleri**", 28 ta' Mejju, 2010;

Ghandu jigi osservat illi f'dik l-istess sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta nghad ukoll illi "f'adempiment ta' l-obbligu tal-motivazzjoni l-gudikant mhux tenut li joqghod jaghmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha processwali jew tal-punti kollha ta' dritt izda sufficjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qieghed jiffonda d-decizjoni tieghu". F'materja, imbaghad, ta' ezami ta' dokumenti gie dejjem minn din l-istess Qorti affermat illi l-accertament kien wiehed semplici "li ma kienx jirrikjedi xi motivazzjoni approfondita anke fid-dawl ta' l-accettazzjoni mill-appellanti nnifsu illi, tabilhaqq, dak il-kapital tieghu kien, ghal xi zmien, jissupera l-massimu". Ara "**Charles Schembri -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 30 ta' Jannar, 2009;

Maghdud dan, huwa dejjem opportun li jigi mfakkar ukoll il-principju bazilari li l-litigand ghandu jinghata raguni ghaliex il-meritu kien qed jigi deciz kif fil-fatt gie deciz. "Dan mhux biss biex tigi assigurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Id-decizjoni kellha almenu tinvesti l-mertu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzonijiet ghalihom" ("**Kruger Limited -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell, 13 ta' Lulju 2001). Fil-fattispeci, allura, ghaliex il-gravam kien qed jigi michud. Decizjoni din li kellha tkun appoggjata minn motivazzjoni adegwata li tipprovdi s-sodisfazzjoni minimu lill-appellanti ghaliex l-Arbitru jkun wasal ghal dak il-konvinciment tieghu;

Ma ghandu qatt jintilef di vista illi s-sufficjenza u r-razzjonalita` tal-motivazzjoni timplika logikament ir-raffront bejn ir-raguni tad-decizjoni u r-rizultanzi probatorji. Ara f'dan is-sens id-decizjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Anthony Galdes Giappone -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 9 ta' Jannar, 2009 u "**Mary Bonavia -vs- Diretur tas-Sigurta` Socjali**", 30 ta' Jannar, 2009;

Dan kollu qieghed jigi sottolinejat in kwantu, skematika kemm hi skematika d-decizjoni appellata *de quo*, wiehed kien jistenna illi almenu l-Arbitru kellu japprezza, ankorke fl-assjem taghhom, l-elementi ta’ prova ta’ naha u ta’ ohra qabel ma finalment iqieghed in riljev l-aspett singolari spigolat minnhom u hekk bastanti biex jikkjarixxi u adegwatament isostni r-*ratio decidendi*. Kien allura mistenni illi, almenu, ukoll jekk permezz ta’ riljev qasir, huwa juri ghaliex kien qieghed jiddizattendi l-iskrittura ta’ ftehim tat-2 ta’ Frar 2006 esebita mill-appellanti, jew ghaliex kien qieghed jaqbel mad-Direttur li ma jaccettax id-dikjarazzjoni ta’ l-appellanti dwar id-djun li jallega li kellu. Bir-rispett dovut, ikollu jinghad, fuq il-fehma tal-Qorti f’dan il-kaz partikolari, illi s-sentenza appellata ma turix, kif ghandu jkun, illi l-Arbitru vvalja l-provi ta’ naha u ta’ ohra jew, ghallanqas, ghaliex dawk ta’ l-appellanti kellhom jitqiesu inkompatibbli mad-decizjoni adottata. Certament, kieku dan kollu sar, wiehed seta’ jkun f’qaghda li mhux biss japprezza ahjar l-*iter* segwit fil-valutazzjoni komplessiva tal-provi processwalment akkwiziti izda ukoll li jikkontrolla l-kriterju logiku tal-konvinciment raggunt. Il-gustizzja sostanzjali u t-trasparenza tal-gudizzju kienu hekk jezigu li, fil-minimu, jinghata kumment ckejken il-ghala l-Arbitru kien qieghed jiskarta d-deduzzjonijiet ta’ l-appellanti;

Konsiderata l-qaghda taht dan il-profil, il-Qorti thoss li, fil-fattispeci, il-motivazzjoni mhix wahda intrinsikament idoneja biex wiehed jippercepixxi sew il-ghala l-Arbitru hass li kellu jaderixxi mal-provi dokumentali sottomessi mid-Direttur u, fl-istess waqt jiskarta dawk ta’ l-appellanti.

Ghal motivi kollha premessi din il-Qorti qeghda tilqa’ l-ewwel aggravju u konsegwentement tannulla s-sentenza appellata. Tirrimanda l-atti lura lill-Arbitru ghal decizjoni motivata skond il-ligi. L-ispejjez relattivi ta’ dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------